MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 446/1994/2

**Francis Stivala ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Falcon Tours Ltd**

**Vs**

**Hector Borg f'ismu proprju u ghal kull interess li ghandu f'Alumworks.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut Hector Borg permezz ta' skrittura tal-21 ta' Mejju 1990 (Dok. A) iggarantixxa x-xoghol ta' aluminium esegwit minnu f'Hibernia House, Depiro Street, Sliema u dan sal-11 ta' Mejju 1992;

Premess illi f'Novembru 1990 ix-xoghol maghmul mill-konvenut sarlu hsara billi parti minnu nqalghet, u cirka metru kwadru minnu gie imtajjar minn postu u tkisser;

Premess illi dina l-hsara kienet koperta bil-garanzija imsemmija, matul il-perjodu ta' l-istess garanzija;

Premess illi dina l-hsara kellha tigi rrangata bl-urgenza billi l-parti fejn inqala s-saqaf ma setghetx tigi uzata u l-hsara kienet perikolusa u qed tikber kif jidher mic-certifikat tal-Perit Anton Valentino anness mac-citazzjoni Dok. B;

Premess illi l-konvenut gie mitlub diversi drabi biex isewwi dina l-hsara, anke mill-istess Perit Valentino kif jidher fl-ittra annessa mac-citazzjoni Dok. B, izda dan baqa' inadempjenti;

Premess li l-attur *nomine*, minhabba l-inadempjenza tal-konvenut, kellu jqabbad lil nies ohra biex jirrangaw il-hsara imsemmija u fil-fatt l-istess hsara giet rrangata minn Robert Xuereb;

Premess illi l-ispiza biex tigi rrangata dina l-hsara kienet ta' sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630) li thallsu lill-istess Robert Xuereb kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi dina l-hsara kif intqal kienet ta' natura urgenti u ghalhekk l-attur *nomine* kien kostrett jesegwixxi x-xoghol necessarji b'nies ohrajn;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-hsara fix-xoghol ta' l-aluminium esegwit mill-konvenut kienet koperta mill-garanzija moghtija fil-21 ta' Mejju 1992 mill-istess konvenut u liema hsara kienet ta' natura urgenti u perikolusa kif jidher mic-certifikat tal-Perit Valentino anness mac-citazzjoni Dok. B u ghalhekk l-attur *nomine*,

minhabba l-inadempjenza tal-konvenut, kien kostrett li jsewwi l-hsara in kwistjoni b'nies ohra;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur *nomine* l-imsemmija somma ta' Lm630 minnu mhallsa lil Robert Xuereb biex issewwiet il-hsara in kwistjoni;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti peress illi l-hsara kienet giet ikkagunata minhabba negligenza da parti ta' l-istess attur *nomine* u ghalhekk ma kienetx koperta bil- u skond it-termini ta' l-istess garanzija moghtija;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, huwa kien sewwa l-hsara allegata li l-attur *nomine* sofra in segwitu ta' komunikazzjoni li rcieva minghand il-Perit tas-socjeta` attrici;

3. Illi fit-tielet lok jigi eccepit li l-ammont reklamat huwa ezagerat u qed jigi kontestat;

4. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju AIC Rene` Buttigieg biex

ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit nominat li tinsab a fol. 33 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-11 ta’ Frar 1997;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta’ l-imsemmi perit relatur in eskussjoni moghtija fl-udjenza tal-15 ta’ Dicembru 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-istanza l-konvenut kien gie sub-appaltat jereggi kamra bi struttura ta' l-aluminium u hgieg fuq il-bejt tal-fond "Hibernia House", Depiro Street, Sliema. Skond ma xehed il-konvenut ix-xoghol kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' finestrati fuq l-opramorta tul tliet nahiet tal-bejt u t-tisqif bil-perspex ta' l-ispazju li kien interkjuz (fol. 94). Id-disinn ta' l-istruttura kien ippreparat mill-Arkitett Anton Valentino inkarigat mill-attur *nomine* ghalkemm dan jghid ukoll illi d-disinn tekniku tal-partijiet taghha ma ghamilhomx hu (fol. 89). Ix-xoghol tlesta fil-11 ta' Mejju 1990 u l-konvenut gie mitlub jirrilaxxja garanzija (Ara Dok. 'A', fol. 8);

Irrizulta mill-provi illi f'Novembru 1990 kienet ghamlet grigalata b'rih qawwi kif hekk stqarr l-attur Francis Stivala (fol. 83) u l-istruttura garrbet hsarat. Meta din giet verifikata mix-xhud Alfred Fabri (fol. 85) skopra li "wahda mill-panels tal-perspex kienet nieqsa u ohra ta' hdejha bdiet tperper". Waqt li kien qed jorbot il-panel tieqa minnhom inqalghet u waqghet fl-art, b'kagun tal-vibrazzjonijiet u l-immullar tas-saqaf. Dan jikkorrispondi ma' dak rilevat mill-Perit Valentino fl-ittra tieghu ta' l-10 ta' Jannar 1991 (fol. 74);

Jirrizulta li l-konvenut ghamel xi xoghol ta' riparazzjoni konsistenti fi hgieg ta' zewg twieqi (deposizzjoni tal-

konvenut, fol. 95) u rrangar tas-saqaf li kien maqlugh (xhieda ta' Ivan Farrugia, impjegat tal-konvenut, fol. 98);

Cionostante, l-perit Valentino jidher li baqa' insodisfatt tant li fid-29 ta' April 1991 (fol. 75) kiteb lill-konvenuut fejn talbu jipprovdi rinforz addizzjonali adegwat fit-termini tal-garanzija. Informah ukoll illi fl-istat li thalliet l-istruttura ma kienetx toffri sikurezza in kwantu din iccaqalqet u l-ilma joskula minnha;

Il-posizzjoni assunta mill-konvenut kienet li hu kien bidel il-hgieg minn rajh ghax fi kliemu, "ma kontx obbligat naghmel dan billi l-hsara giet ikkagunata mill-maltemp ghax dahal ir-rih gol-penthouse jew kamra mit-twieqi, miftuhin jew imkissrin" (fol. 95). Huwa ghalhekk qed jistrieh fuq it-termini tal-garanzija minnu stess supplita (fol. 8). Liema garanzija kienet tippreciza illi l-konvenut kellu jaghmel tajjeb ghal lavorazzjoni tieghu izda mhux ukoll ghal hsarat kagjonati minn terzi jew minn hgieg imkisser jew minhabba twieqi li jithallew miftuhin waqt xi maltemp;

Gie stabbilit ukoll mill-provi illi cionostante l-missiva fuq imsemmija tad-29 ta' April 1990 l-konvenut baqa' ma ghamelx dak lilu mitlub, u fil-fatt minn dak ravvisat f'ittra ulterjuri tal-perit, datata 9 ta' Ottubru 1991 (fol. 76), "*there is now a severe danger of them (*il-panels tas-saqaf) *blowing off completely under wind pressure and possibly causing damage to property and/or persons*.";

Minhabba dan il-motiv u urgenza necessitata biex jigi rimoss l-event tal-perikolu gie inkarigat kuntrattur iehor biex isahhah l-istruttura. Ir-rinforz sar billi s-saqaf gie assikurat b'introduzzjoni ta' rails ohra ta' l-aluminium. Ara deposizzjoni ta' Robert Xuereb (fol. 91);

Fuq dawn il-provi l-perit tekniku irrelata illi x-xoghol rimedjali kien mehtieg in kwantu l-konvenut mhux biss naqas li jottempera ruhu fi zmien utli ghar-rikjam li sarlu biex jaghmel mizuri ta' rafforzar izda fuq kollox ghax ix-xoghol minnu originarjament maghmul kien inadegwat ghall-uzu u ghall-posizzjoni ta' l-istruttura (fol. 62 u 64);

Il-perit tekniku gie influwenzat f'din il-konkluzjoni tieghu minn dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(a) Il-konvenut wera nuqqas ta' attenzjoni fil-mod ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghol. Dan, *multo magis*, meta hu kien jaf l-iskop li kellha sservi l-kamra ghall-uzu ta' l-istudenti;

(b) L-istess kontenut tal-garanzija hija ammissjoni indiretta ta' l-insikurezza dwar il-kwalita` tax-xoghol minnu esegwit;

(c) Huwa kellu jiehu l-mizuri adegwati, meta hu stess iddisinja l-parti teknika tax-xoghol, biex dan isir b'mod li tigi evitata l-hsara;

Mil-linja difensjonali addottata mill-konvenut huwa car illi dan qed jistrieh esklussivament ghal finijiet ta' eskulpar minn htija u d-danni reklamati, fuq il-portata tal-garanzija. Huwa jsostni li din tezimieh mir-responsabilita` jekk il-kagun ta' l-event dannuz ikun ir-rizultat ta' twieqi li jinzammu miftuhin f'cirkostanzi ta' maltemp. Dan huwa ragunament korrett u fil-fatt la l-perit Valentino (fol. 89) u lanqas il-perit gudizzjarju, imsejjah in eskussjoni (fol. 110), dan ma jeskluduhx. B'danakollu, wara x-xhieda ta' Alfred Fabri (fol. 84) li xehed li hu kien ghalaq kullimkien qabel ma sehh dak li ssuccieda kien jinkombi fuq i-konvenut li jipprova, anke kieku ried permezz ta' perizja *ex parte*, il-kuntrarju. Seta' wkoll dejjem permezz ta' accertamenti u verifiki teknici minn naha tieghu jeskludi kull addebitu ta' nuqqas ta' adegwatezza jew insikurezza ta' l-istruttura minnu kostruwita`. Minn dan kollu baqa' ma ghamel xejn u ghalhekk ma jistax issa jippretendi li ghandu jikkampa l-opposizzjoni tieghu ghat-talba attrici fuq it-termini tal-garanizija jew ta' l-okkorrenza fortuwita;

Applikati ghal fatti l-principji legali maghrufa jibda biex jigi puntwalizzat illi l-appaltatur, u dan jinkludi lis-sub-appaltatur u kull min jintraprendi bicca xoghol, "hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant <u>opera sodisfacenti</u>" ("**Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Mejju 1958);

Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("**Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs- Emanuele Schembri et**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "*e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte*" ("**Nicola Vella -vs- Luigi Agius**", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923);

Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);

"Id-difetti fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt ma jirrendux lill-appaltatur inadempjenti imma jaghtu biss id-dritt lill-appaltant li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati meta d-difetti ma jkunux <u>sostanzjali</u>." (**Vol. XXX P III p 440**). Tali huma d-difetti, imsejhin ukoll essenzjali "li jipprivaw il-haga mill-iskop jew l-utilita` taghha b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata minn natura stess tax-xoghol." ("**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1968; "**John Bonnici *nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);

Jibqa' dejjem jimpera l-principju illi " l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Vol. XXXV P III p 528; "Victor Tabone -vs- Felix Mifsud"**, Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubr 1994;

Ir-responsabilita` ma tipprexxindix mid-debita indagini ta' htija, li mhix prezunta, imma jehtiegilha tigi pruvata u li hi eskluza sew meta d-dfett ikun dovut ghal forza magguri kemm meta jirrizultaw mehuda l-prekawzjonijiet soliti u adoperati d-diligenza ordinarja biex tigi assigurata l-bonta` tax-xoghol. (Ara decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Borg -vs- Joseph Mifsud**", Appell Kummercjali, 7 ta' Ottubru 1980);

Fil-kaz *de quo* gie accertat mill-provi u mill-valutazzjoni peritali illi x-xoghol ezegwit mill-konvenut kien fih difetti konsistenti f'nuqqas ta' rinforz adegwat ghall-uzu intenzjonat mill-kostruzzjoni ta' l-istruttura. Difetti determinanti li ma jistghux jitqiesu traskurabbli, u allura kien jehtiegu rettifikazzjoni urgenti. Dawn baqghu ma gewx rimedjati mill-konvenut u allura l-atur *nomine*, konsiderat li fil-paragun, id-difetti kienu sostanzjali, htieglu jsib appaltatur sostituttiv biex dawn jigu rettifikati;

Il-konvenut ma jistax ikollu suffragju mill-garanzija billi hu naqas li jipprova, fil-kontradditorjeta` tal-prova ta’ l-attur *nomine*, illi dak li gara kien, fit-termini ta' l-istess garanzija, jeskulpah u jehilsu minn kull htija;

Lanqas ma jista’ jistrieh fuq l-eskluzjoni tal-htija li ggib maghha l-forza magguri, ex-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili, billi kif jinsenja l-Imhallef Giovanni Pullicino, "*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alle irresponsabilita` che ne deriva viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*" ("**PL Costantino Fenech -vs- Camillo Gatt noe et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Mejju 1902);

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tkunx konkordi mal-konkluzjonijiet peritali in kwantu dawn huma bazati preponderantement fuq analisi korretta tal-fatti u tal-materja teknika.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u b'hekk tiddikjara li l-hsara fix-xoghol ezegwit mill-konvenut kienet tirrientra fit-termini tal-garanzija u li inoltre x-xoghol rettifikatorju kien ta' natura urgenti konsiderat l-istat passiv tal-konvenut meta gie imsejjah biex jaghmel it-tiswijiet rimedjali;

Tilqa' wkoll it-tieni talba b'dan li qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* d-danni reklamati pero`

limitatament ghall-ammont ta' sitt mija u hmistax-il lira Maltija (Lm615), bl-imghax legali minn notifika tac-citazzjoni (23 ta' Mejju 1994);

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------